# L-Avvent
# mal-Kelma t'Alla



2023

# Merħba

L-Avvent, mill-Latin *adventus* li tfisser miġja jew wasla, jimmarka l-bidu tal-kalendarju liturġiku. Dan hu żmien ta' antiċipazzjoni u riflessjoni qabel il-festa tal-Milied. L-Avvent għandu natura doppja għal bniedem li jemmen — dik li jfakkar it-twelid storiku ta' Ġesù Kristu u f'istess waqt dik li jistenna bil-ħerqa r-ritorn imwiegħed tiegħu. Simbolizzat mid-dawl tax-xemgħat fil-girlanda tal-Avvent, kull ġimgħa nirriflettu fuq temi ċentrali fil-ħajja Nisranija: it-tama, il-paċi, il-ferħ, u l-imħabba. Hekk kif id-dinja tiġi mżejna b'dekorazzjonijiet tal-festi, l-Avvent jistieden lil dawk li jemmnu biex jidħlu fil-kamra ta' ġewwa, u jrawmu spirtu ta' kontemplazzjoni, gratitudni u stennija għaċ-ċelebrazzjoni tat-twelid ta' Kristu. Huwa żmien li faċli nintilfu fil-pjaċiri li toffri d-dinja u ninsew is-sinifikat propju u veru tal-Milied.

Dan il-ktejjeb hu maħsub biex jgħinek tirrifletti fuq il-ħajja tiegħek fid-dawl tal-Kelma. Kuljum qed tiġi ppreżentata silta jew vers mill-Kelma t'Alla u wara hemm mistoqsija jew tnejn biex jgħinu fir-riflessjoni tiegħek. Fl-aħħar ta' dan il-ktejjeb hemm xi mistoqsijiet supplementari u spazju biex tikteb xi nota jew ħsieb li jkun laqtek,

Nittama li dawn il-ftit riflessjonijiet permezz tal-Kelma t'Alla joffru għajnuna biex wieħed iħejji qalbu għall-miġja tad-Dawl tad-Dinja.

# Nota Prattika

L-għan ta' dan il-ktejjeb hu biex jipprovdi ftit għajnuna għar-riflessjoni tiegħek fiż-żmien tal-Avvent. Biex tagħmel l-aħjar użu tiegħu, hu ssuġġerit li:

1. Issib ftit ħin fis-skiet. L-aħjar li dejjem ikun l-istess ħin u ma jkollokx distrazzjonijiet.
2. Ibda billi tieħu nifs bil-mod u rodd is-salib.
3. Itlob lill-Ispirtu s-Santu jdawwallek moħħok u jgħinek tiftaħ qalbek għal-Kelma li tkun ser taqra.
4. Aqra s-silta bil-mod u ifhem kull kelma li qed taqra.
5. Wara pawsa ta' ftit ħin fis-skiet, aqra l-mistoqsija jew għajnuna għar-riflessjoni tiegħek.
6. Ikteb fil-post provdut xi ħsieb jew kelma li baqgħet miegħek.
7. Agħlaq b'talba ta' tifħir u ringrazzjament.
8. Żomm f'qalbek dak il-ħsieb matul dik il-ġurnata.

# L-Ewwel Ġimgħa – Tama



## L-Ewwel Jum – Isaija 9:6

*3 ta' Diċembru 2023*

### Qari

*Kbira tkun setegħtu,*

*u s-sliem bla qjies*

*fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu.*

*Hu jwettaqha u jsaħħaħha*

*bil-ħaqq u s-sewwa,*

*minn issa u għal dejjem.*

*Il-ħeġġa tal-Mulej tal-eżerċti tagħmel dan.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Xi tqanqal ġewwa fik din il-wegħda?

## It-Tieni Jum – Rumani 15:13

*4 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *U Alla tat-tama jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom, sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Irrifletti dwar kif it-tama deskritta fl-ittra lir-Rumani tista' ġġib faraġ u inkuraġġiment lil ħajtek u lil dawk ta' madwarek.

## It-Tielet Jum – Ġeremija 29:11

*5 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Jien naf il-pjanijiet li ħsibt għalikom, oraklu tal-Mulej, pjanijiet ta' ġid u mhux ta' ħsara, li nagħtikom ġejjieni mimli tama.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Il-kliem mill-profeta Ġeremija kif jipprovdi serħan il-moħħ fi żminijiet ta' inċertezza u sfidi?

## Ir-Raba’ Jum – Salm 33:20-22

*6 ta’ Diċembru 2023*

### Qari

*Ruħna tixxennaq għall-Mulej,*

*hu l-għajnuna u t-tarka tagħna.*

*Fih jinsab l-hena ta’ qalbna,*

*fl-isem qaddis tiegħu t-tama tagħna.*

*Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna,*

*kif fik hi t-tama tagħna.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

B’liema modi dawn il-vrus mis-Salm 33 jispira fiduċja f’Alla bħala t-tama u t-tarka tagħna?



## Il-Ħames Jum – Rumani 5:1-5

*7 ta’ Diċembru 2023*

### Qari

*Issa li aħna ġġustifikati bil-fidi, għandna s-sliem ma’ Alla, permezz ta’ Sidna Ġesù Kristu; permezz tiegħu għandna d-dħul bil-fidi għal din il-grazzja li fiha qegħdin. Aħna niftaħru bit-tama li għandna li għad niksbu l-glorja ta’ Alla. Mhux biss dan, imma niftaħru wkoll bis-sofferenzi, għax nafu li s-sofferenza ġġib is-sabar, is-sabar irawwem il-ħila, il-ħila t-tama. U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta’ Alla ssawbet fi qlubna permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Ikkunsidra r-rabta bejn it-tama u l-perseveranza kif deskritta fis-silta mir-Rumani hawn fuq. Kif tista’ din il-perspettiva tifforma l-ħarsa tiegħek?

## Is-Sitt Jum – Isaija 40:31

*8 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Imma dawk li jittamaw fil-Mulej jieħdu saħħithom,*
>
> *itellgħu l-ġwienaħ bħall-ajkli,*
>
> *jiġru bla ma jegħjew,*
>
> *jimxu bla ma jintelqu.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Kif dan il-kliem mill-Ktieb ta' Isaija jinkuraġġina biex insibu qawwa u tama mġedda f'Alla, speċjalment fi żminijiet diffiċli?

## Is-Seba' Jum – Luqa 1:26-38

*9 ta' Diċembru 2023*

### Qari

*Imbagħad fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f'belt tal-Galilija, jisimha Nazaret, għand xebba, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta' David. Dix-xebba kien jisimha Marija. L-anġlu daħal għandha u qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek." Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser din it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla. Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù. Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta' David missieru u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu." Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?" Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla. Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal, għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir." Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!" U l-anġlu telaq minn quddiemha.*

## Għajnuna għar-Riflessjoni

Irrifletti fuq it-tweġiba ta’ Marija għall-messaġġ tal-anġlu. Kif it-tama u l-fiduċja ta’ Marija fil-pjan t’Alla jispiraw il-vjaġġ ta’ fidi tiegħek?

# It-Tieni Ġimgħa – Sliem



## It-Tmien Jum – Isaija 26:3-4

*10 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Il-fehma tiegħu sħiħa fik;*
>
> *inti ssaħħaħlu s-sliem,*
>
> *għax fik ittama.*
>
> *Ittamaw fil-Mulej, għal dejjem,*
>
> *għax il-Mulej hu l-blata ta' dejjem.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Immedita fuq il-wegħda tal-paċi/sliem f'Isaija 26:3-4. Kif tista' tesperjenza din il-paċi fil-ħajja tiegħek ta' kuljum?

## Id-Disa’ Jum – Ġwanni 14:27

*11 ta’ Diċembru 2023*

### Qari

> *Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża’.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Xi tfisser għalik din il-wegħda ta’ Ġesù? Kif tista’ taqsam din il-paċi m’oħrajn?

## L-Għaxar Jum – Filippin 4:6-7

*12 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Tħabbtu raskom b'xejn. Fit-talb kollu tagħkom itolbu u uru lil Alla xi jkollkom bżonn, u iżżuh ħajr. U s-sliem ta' Alla, sliem li jgħaddi kulma l-moħħ jista' jifhem, iżommilkom qalbkom u moħħkom sħaħ fi Kristu Ġesù.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Ġieli ħsiebt fuq ir-rabta bejn it-talb u l-paċi? It-talb kif jista' jkun sors ta' trankwillità, sliem, paċi, f'ħajtek?

## Il Ħdax-il Jum – Isaija 52:7

*13 ta' Diċembru 2023*

### Qari

*Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji*

*r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara,*

*ta' min ixandar is-sliem,*

*ta' min iħabbar ir-risq,*

*ta' min ixandar is-salvazzjoni,*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Kif tista' tkun messaġġier għal-paċi għal dawk ta' madwarek?



## It Tnax-il Jum – Rumani 8:6

*14 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Ix-xewqat tal-ġisem iwasslu għall-mewt; ix-xewqat tal-Ispirtu jwasslu għall-ħajja u s-sliem.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

X'inhuma x-xewqat tiegħek? Kemm int konxju tagħhom?

## It Tlettax-il Jum – Rumani 15:13

*15 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *U Alla tat-tama jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom, sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

X'fidi għandek? Fejn hi t-tama tiegħek? Ittik paċi jew tħoss li l-fidi tiegħek tjassrek?

## L Erbatax-il Jum – Mattew 5:9

*16 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

X'relazzjoni għandek m'Alla?  Ta' wild, jew ta' skjav? Tiżra l-paċi f'qalb dawk li tiltaqa magħhom, jew tiżra d-dubju, il-mibegħda?

# It-Tielet Ġimgħa – Ferħ



# Il Ħmistax-il Jum – Salm 16:11

*17 ta' Diċembru 2023*

## Qari

*Int tgħallimni t-triq tal-ħajja;*

*hemm il-milja tal-ferħ quddiemek,*

*hemm l-għaxqa għal dejjem f ̓lemintek.*

## Għajnuna għar-Riflessjoni

Il-ħajja Nisranija tiegħek iġġiblek ferħ f'ħajtek? Jew ma tagħmel l-ebda differenza?

## Is Sittax-il Jum – Luqa 1:39-45

*18 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija. Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta. Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu; u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek! U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi? Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ. Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej!"*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Irrifletti fuq il-ferħ ta' Eliżabetta malli tiltaqa' ma' Marija. Il-preżenza ta' Ġesù f'ħajtek ġġib ferħ fir-relazzjonijiet tiegħek?

## Is Sbatax-il Jum – Ġwanni 16:22

*19 ta’ Diċembru 2023*

### Qari

> *Hekk intom, issa tħossukom imdejqa; imma għad nerġa’ narakom u qalbkom tifraħ, u l-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodhulkom.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Irrifletti dwar ir-relazzjoni bejn in-niket u l-ferħ f’Ġwanni 16:22. Il-ferħ li tkun taf lil Kristu kif jista’ jsostnik fi żminijiet ta’ sfida?

## It Tmintax-il Jum – Salm 28:7

*20 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Il-Mulej hu l-qawwa tiegħi u t-tarka tiegħi,*
>
> *fih ittamat qalbi;*
>
> *ksibt l-għajnuna u ferħet qalbi;*
>
> *irroddlu ħajr bil-għana tiegħi.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Dan il-vers li għadek kemm qrajt kif jispira sens ta' ferħ u gratitudni f'qalbek?

## Id Dsatax-il Jum – Galatin 5:22-23

*21 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Il-frott tal-Ispirtu huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Il-ferħ hu wieħed mill-frott tal-Ispirtu. Kemm jidher dan f'ħajtek?

## L-Għoxrin Jum – Isaija 12:2-3

*22 ta' Diċembru 2023*

### Qari

*Ara, Alla s-salvazzjoni tiegħi,*

*jiena nittama u ma jkollix mniex nibża'.*

*Għax qawwieti u għanjieti hu l-Mulej,*

*għalija sar is-salvazzjoni. "*

*Kollkom ferħana timlew l-ilma*

*mill-għejun tas-salvazzjoni.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Aħseb ftit fuq dawn il-vrus. Din il-proklamazzjoni tal-qedem kif tinħass f'ħajtek illum?

## Il-Wieħed u Għoxrin Jum – 1 Pietru 1:8-9

*23 ta' Diċembru 2023*

### Qari

> *Lilu, għalkemm ma rajtuhx, intom tħobbuh; fih, għad li issa m ʾintomx tarawh, intom temmnu; fih intom tifirħu b ʾferħ glorjuż, li ma jistax jitfisser, waqt li tiksbu l-għan tal-fidi tagħkom, li hu s-salvazzjoni tagħkom.*

### Għajnuna għar-Riflessjoni

Kemm taqbel ħajtek ma dan il-kliem mill-ewwel ittra ta' San Pietru?

O Għerf tal-Għoli

O Sid u Mexxej

O Għerq ta' Ġesse

O Muftieħ ta' David

O Xemx Tiegħla

O Sultan tal-Ġnus

O Għimmanu-El

# Ir-Raba' Ġimgħa – Imħabba





## It-Tnejn u Għoxrin Jum – Mattew 1:18-25

*24 ta' Diċembru 2023*

### Qari

*It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu. Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies. Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu. Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom." Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal:*

*'Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben,*

*u jsemmuh Għimmanu-El,*

*li bi lsienna jfisser 'Alla magħna.' Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu. Imma baqa' ma għarafhiex sa ma kellha iben, u semmieh Ġesù.*

## Għajnuna għar-Riflessjoni

Hekk kif qed intemmu l-Avvent, x’effett qed iħalli fik dan iż-żmien?

# Approfondament

1. B'liema mod ħejjejt ruħek għal dan l-Avvent? X'nixtieq tagħmel differenti s-sena d-dieħla?

2. Kif kien il-ħin tat-talb tiegħek dan l-Avvent? Kif iffurmak dan il-ħin fl-attitudnijiet u l-azzjonijiet tiegħek mal-oħrajn?

3. Hekk kif impenjajt ruħek f'diversi tradizzjonijiet u attivitajiet tal-Milied, kemm kont konxju tal-konnessjoni tagħhom mas-sinifikat spiritwali ta' dan iż-żmien?

4. B'liema modi ħaddant it-temi tat-tama, il-paċi, il-ferħ u l-imħabba matul l-Avvent, kemm fil-ħajja personali tiegħek kif ukoll fil-konfront ma' ħaddieħor? Tista' ssemmi xi punti prattiċi?

5. Kif tista' ġorr l-ispirtu tal-Avvent lil hinn minn dan iż-żmien tal-Milied, u tħalli l-paċi miksuba matul dan iż-żmien jinfluwenzaw il-ħajja u r-relazzjonijiet tiegħek ta' kuljum matul is-sena li ġejja?

# Noti

Il-Milied it-Tajjeb